QALA

Ref Nru: 22

Il-minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha tal-hames leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 30 ta' Jannar 2009, fit-3:00 ta' wara nofs in-nhar, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Paul Buttigieg |
| Vici Sindku | Dr Raymond Xerri |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Victor Grech<br>Anthony Camilleri |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Laqgha ma' Paragon Limited dwar applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea ghal progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala Ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala.**

2.1 Ghal din il-parti tal-laqgha attendiet Dr Nadia Theuma mill-Paragon Limited. Is-Sinjura Theuma spejgat l-applikazzjoni li tista` tigi ppreparati sabiex jingabu fondi mill-Unjoni Ewropea ghal progett ta' gnien sportiv u rikreazzjoni fl-*area* maghrufa bhala ta' Grunju fi Triq l-Imgarr, Qala. Gie deciz li din l-applikazzjoni ghandha tigi ffokkatha fuq il-*picnic area* ta' dan il-progett.

**3 Laqgha mas-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu l-Onorevoli Dr Mario de Marco dwar il-proposta ghal gheluq ta' Pjazza San Guzepp, Qala mit-traffiku.**

3.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie s-Segretarju Parlamentari ghat-Turizmu l-Onorevoli Dr Mario de Marco dwar il-proposta ghal gheluq ta' Pjazza San Guzepp, Qala mit-traffiku ghas-sajf. Wara li giet diskussa din il-proposta, gew diskussi diversi materji ohra fosthom:

3.2
- *Qala International Folk Festival.*
- Proposta ta' Muzew Folkloristiku fl-ghassa tal-Pulizija l-qadima.
- *Platforms* ta' l-injam quddiem l-istabbilmenti fi Pjazza San Guzepp minhabba l-ilma tax-xita; problema peress li dawn gew mnehhija mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.3 L-Onorevoli Dr Mario de Marco talab kopji tat-talbiet u informazzjoni ohra tal-Kunsill fuq diversi materji fuq imsemmija.

Il-laqgha ntemmet fis-5:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 20 ta' Frar 2009.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva